



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Opinjoni 02/2022

(skont l-Artikolu 322(1), TFUE)

dwar il-proposta tal-
Kummissjoni għal Regolament
tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill li jemenda r-
Regolament (UE, Euratom) Nru
2018/1046 dwar ir-regoli
finanzjarji applikabbli għall-
baġit ġenerali tal-Unjoni
[2022/0125(COD)]

Werrej

	Paragrafu
Introduzzjoni	01 - 14
Multi, penali oħra u sanzjonijiet	01 - 02
Ġestjoni tal-multi u tal-penali skont id-dispożizzjonijiet attwali tar-Regolament Finanzjarju	03 - 07
Ġurisprudenza reċenti	08 - 10
Il-Proposta	11 - 14
Osservazzjonijiet ġenerali	15 - 18
Kummenti speċifiċi	19 - 27
Kumpens	19 - 21
Dħul negattiv	22 - 25
Imgħax ta' inadempjenza	26
Tidħil tal-multi u l-penali definittivi fil-baġit	27
Emendi proposti għall-Proposta	28
Anness	
Anness I – Il-bidliet issuġġeriti tagħna għall-Proposta u l-kummenti tagħna dwarha	

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 322(1) tiegħu;

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, adottata fit-22 ta' April 2022¹;

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Kunsill għal opinjoni, li waslet fis-6 ta' Mejju 2022;

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Parlament Ewropew għal opinjoni, li waslet fis-16 ta' Mejju 2022; u

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012² (ir-"Regolament Finanzjarju").

Billi:

- (1) Ir-Regolament Finanzjarju jistipula l-prinċipji u r-regoli finanzjarji ġenerali għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE, inklużi kemm id-dħul kif ukoll in-nefqa;
- (2) B'segwitu għal ġurisprudenza reċenti rigward multi fil-qasam tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni pproponiet din l-emenda għar-Regolament Finanzjarju sabiex tnaqqas il-pressjoni eċċessiva fuq in-nefqa tal-baġit tal-UE malajr kemm jista' jkun. Din hija separata mill-proposta għal riformulazzjoni tar-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit tal-UE³;

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

¹ COM(2022) 184 final, 2022/0125(COD).

² ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

³ COM(2022) 223 final, 2022/0162(COD).

Introduzzjoni

Multi, penali oħra u sanzjonijiet

01 Il-Kummissjoni timponi multi, penali oħra u sanzjonijiet fuq impriżi li jiksru d-dritt tal-UE jew fuq Stati Membri li jonqsu milli japplikaw id-dritt tal-UE, kif deskritt hawn taħt:

- Il-Kummissjoni timponi **multi** fuq impriżi li jkunu kisru r-regoli dwar il-kompetizzjoni taħt l-Artikoli 101 jew 102 TFUE. Skont ir-regoli rilevanti tal-UE dwar il-kompetizzjoni⁴, il-Kummissjoni tiddetermina l-ammont tal-multa li għandha timponi biex b'hekk din tirrifletti l-gravità u d-durata tal-parteċipazzjoni tal-impriża fil-ksur tal-kompetizzjoni. Madankollu, jenħtiegħ li l-ammont inkwistjoni ma jaqbix l-10 % tal-fatturat globali tal-impriża ġġenerat fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni;
- Il-Kummissjoni tista' timponi wkoll **penali oħra u sanzjonijiet** taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom. Il-penali finanzjarji huma t-tip ta' penali li jiġu imposti l-aktar ta' spiss, normalment fejn il-Kummissjoni tiegħu azzjoni legali kontra l-Istati Membri li ma jimplimentawx (kif suppost) il-leġiżlazzjoni tal-UE. Hija mbagħad tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) taħt l-Artikolu 260 TFUE. Penali finanzjarji jistgħu jieħdu l-għamla ta' pagament b'rata fissa u/jew pagament ta' kuljum. Dawn jiġu kkalkulati billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-importanza tar-regoli li jkunu nkisru u l-impatt tal-ksur, il-perjodu li matulu d-dritt tal-UE ma jkunx ġie applikat, u l-kapaċità ta' ħlas tal-pajjiż.

02 Multi, penali oħra u sanzjonijiet miġbura mill-Kummissjoni jidħlu fil-baġit tal-UE, u huma kkategorizzati b'ħala d'ħul ieħor. L-ammonti kkonċernati jvarjaw minn sena għal sena, skont xi jkunu l-ammonti definittivi li jiġu stabbiliti u m'ħallsa mill-impriżi u mill-Istati Membri. Fl-2021, huma ammontaw għal EUR 1.6 biljun (0.7 % tal-baġit tal-UE).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

Ġestjoni tal-multi u tal-penali skont id-dispożizzjonijiet attwali tar-Regolament Finanzjarju

03 Meta multa jew penali imposta mill-Kummissjoni tiġi kkontestata quddiem il-QĠUE, il-parti suġġetta għall-multa jew għall-penali tista' jew tħallas b'mod provviżorju l-ammont tal-multa jew tal-penali, jew inkella tipprovdi garanzija bankarja li tkopri l-ammont inkwistjoni⁵. Fil-każ ta' pagamenti provviżorji, id-debitur ikkonċernat jittrasferixxi l-ammont tal-multa jew tal-penali f'kont bankarju tal-Kummissjoni. Mill-2009 'l hawn, dawn il-multi u l-penali kienu u għadhom jiġu ddepożitati f'fond iddedikat "BUFI" (Multi Baġitarji) li għandu jiġi investit f'bonds siguri bil-għan li jiġi ppreservat l-ammont prinċipali billi jinkiseb imgħax dovut filwaqt li tiġi żgurata l-likwidità tal-flejjes jekk il-multa għandha tiġi rritornata lill-impriża kkonċernata.

04 Meta l-multa jew il-penali ma titħallasx sad-data tal-għeluq, jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob imgħax awtomatiku (ta' inadempjenza) bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu kif fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih tkun id-data tal-għeluq, u miżjuda bi tliet punti perċentwali u nofs sakemm isir il-pagament (REFI tal-BĊE, b'żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs)⁶. Jekk il-parti suġġetta għall-multa jew għall-penali tagħżel li tipprovdi garanzija bankarja minflok il-pagament provviżorju, il-garanzija trid tiżgura l-pagament mhux biss tal-multa jew tal-penali iżda wkoll tal-imgħax bir-rata REFI tal-BĊE, b'żieda ta' punt perċentwali u nofs.

05 Wara li jkunu ġew eżawriti r-rimedji legali kollha possibbli, u **meta l-multa jew il-penali tkun ġiet ikkonfermata** mill-QĠUE, l-ammonti miġbura provviżorjament u l-imgħax relatat iġġenerat (ir-“redditu”) jiddaħħlu fil-baġit tal-UE. Fejn tkun ġiet iddepożitata garanzija finanzjarja, din tiġi infurzata kif xieraq u l-ammonti korrispondenti (inkluża l-multa jew il-penali, bl-imgħax miżjud) jiddaħħlu fil-baġit tal-UE⁷.

⁵ L-Artikolu 108(1) u (2) tar-Regolament Finanzjarju (RF).

⁶ L-Artikolu 99(4) RF.

⁷ L-Artikolu 108(3) RF.

06 Jekk il-multa jew il-penali tizzied bis-sentenza tal-QĠUE, jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob l-ammont addizzjonali dovut u tistabilixxi data tal-għeluq għall-pagament. Jekk il-multa jew il-penali miżjuda ma titħallasx sad-data tal-għeluq, jenħtieġ li l-Kummissjoni titlob imgħax ta' inadempjenza għal pagament tardiv mid-data tas-sentenza tal-QĠUE sad-data tal-pagament (ara l-paragrafu **04**).

07 Fejn il-multa jew il-penali tkun għet ikkanċellata jew imnaqqsa b'riżultat tal-proċess ta' litigazzjoni, l-ammonti miġbura provviżorjament jew, f'każ ta' tnaqqis, il-parti rilevanti (inkluż ir-redditu relatat) jitħallsu lura lill-parti kkonċernata. F'każ ta' redditu negattiv, it-telf jitnaqqas mill-ammonti li għandhom jiġu rimborżati. Fejn tkun għet iddepożitata garanzija finanzjarja, din tiġi rilaxxata bis-sħiħ jew, kif xieraq, appororzjon tat-tnaqqis deċiż mill-QĠUE⁸.

Ġurisprudenza reċenti

08 Fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Jannar 2021 rigward appell dwar azzjoni għad-danni, il-QĠUE ddeċidiet li wara t-tnaqqis jew l-annullament tal-multa mħallsa provviżorjament, il-Kummissjoni kellha tħallas imgħax għar-rimborż tardiv tal-multa annullata jew imnaqqsa mid-data li fiha l-impriża ħallset il-multa provviżorjament sad-data tal-ħlas lura⁹. Din is-sentenza tal-QĠUE tmur lil hinn mill-Artikolu 108(4) tar-Regolament Finanzjarju (RF), billi dak l-Artikolu jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrimborża l-ammont tal-multa, bir-redditu relatat biss miżjud (jew imnaqqas).

09 Il-QĠUE ordnat lill-Kummissjoni tħallas dan l-imgħax għal rimborż differit bħala **kumpens** għat-telf tat-tgawdija ta' flejjes ikkalkulat bl-applikazzjoni tar-rata REFI tal-BĊE, b'żieda ta' żewġ punti perċentwali għall-perjodu mid-data tal-ħlas provviżorju tal-multa sad-data dovuta għall-ħlas lura tal-multa annullata mis-sentenza. Din kienet ir-rata li l-parti kkonċernata kienet fittxet bħala kumpens. Barra minn hekk, hija rrikonoxxiet l-**imgħax ta' inadempjenza fuq il-kumpens** mid-data li fiha l-impriża mmultata ressqet l-azzjoni għad-danni quddiem il-QĠUE sad-data reali tal-ħlas lura mill-Kummissjoni, bir-rata REFI tal-BĊE, b'żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs. Din hija r-rata applikata b'analoġija mal-Artikolu 99(4) RF.

⁸ L-Artikolu 108(4) RF.

⁹ Il-Kawża C-301/19 P, appell kontra s-sentenza fil-Kawża T-201/17.

10 Wara s-sentenza tal-QĠUE msemmija hawn fuq, il-“kumpens” imħallas lill-partijiet ikkonċernati permezz ta’ mgħax fuq ħlasijiet lura differiti jkun jeħtieġ li jitħallas fejn ir-redditu jkun aktar baxx mill-kumpens, jew fejn ma jkun hemm l-ebda imgħax iġġenerat fuq l-ammonti tal-multi mħallsa b’mod provviżorju lill-Kummissjoni, kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet attwali tar-RF. Bħala parti minn appell rigward kawża simili¹⁰, il-Kummissjoni talbet lill-QĠUE tirrevedi l-pożizzjoni tagħha dwar ir-rikonoxximent ta’ kumpens li jikkonsisti fi mgħax għal ħlas lura differit ta’ multi mnaqqsa jew ikkanċellati li jkunu koperti minn pagamenti provviżorji. Attwalment hemm diversi kawżi quddiem il-QĠUE li għadhom ma nqatgħux fl-ewwel istanza jew li huma suġġetti għal appell¹¹.

Il-Proposta

11 Irrispettivament mill-eżitu tal-appell ġudizzjarju msemmi hawn fuq u minn kawżi oħra, il-Kummissjoni temmen li huwa urġenti li jiġu proposti miżuri leġiżlattivi biex tiġi evitata pressjoni eċċessiva fuq il-baġit tal-UE li tirriżulta minn ġurisprudenza reċenti.

12 Fit-22 ta’ April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta (“il-Proposta”) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi emendat ir-Regolament Finanzjarju. Fis-6 u s-16 ta’ Mejju 2022 rispettivament, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew talbu lill-QEA għal opinjoni dwar il-Proposta.

13 Skont il-*memorandum* ta’ spjegazzjoni tal-Kummissjoni, il-Proposta għandha l-għan li tiżgura kumpens xieraq li jirrappreżenta l-valur taż-żmien għat-telf tat-tgawdija ta’ flejjes f’każ ta’ rimborż ta’ multi mħallsa provviżorjament, ta’ penali oħra jew ta’ sanzjonijiet li jiġu kkanċellati jew imnaqqsa. Il-Proposta tipprevedi wkoll li dan il-kumpens jiġi rreġistrat fil-baġit tal-UE bħala dħul negattiv, u b’hekk jiġi evitat kull effett mhux xieraq fuq in-naħa tan-nefqa u l-Unjoni tkun tista’ tissodisfa l-obbligi finanzjarji li jirriżultaw b’mod aktar effettiv.

¹⁰ Il-Kawża C-221/22 P, imressqa fit-28 ta’ Marzu 2022, appell kontra s-sentenza fil-Kawża T-610/19.

¹¹ Il-Kawżi T-236/22, T-480/21, T-420/21, T-414/21, T-413/21, T-411/21, T-410/21, T-321/21, T-313/21, T-310/21, T-292/21, T-291/21, T-80/21 u T-94/20.

14 Sa issa, il-Kummissjoni kkonfermat li ħallset total ta' EUR 2 miljun f'kumpens wara s-sentenzi tal-QĠUE dwar azzjoni għad-danni f'żewġ kawzi¹². Abbażi tal-valutazzjoni li wettqet f'April 2022 rigward l-eżitu ta' kawżi magħluqa u ta' azzjonijiet attwalment quddiem il-QĠUE, il-Kummissjoni stmat li t-talbiet għal kumpens possibbli mingħand partijiet suġġetti għal multi u penali kkanċellati jew imnaqqsqa li kienu koperti minn pagamenti provviżorji setgħu jitilgħu għal ammont li jilħaq il-EUR 1.2 biljun.

¹² Il-Kawżi T-201/17 u T-610/19.

Osservazzjonijiet ġenerali

15 B'mod ġenerali, aħna nilqgħu l-emendi proposti għar-RF, billi għandhom l-għan li jiżguraw kumpens raġonevoli għall-impriżi u għall-Istati Membri f'każ ta' rimborż ta' multa jew penali mħallsa provviżorjament li tkun ġiet ikkanċellata jew imnaqqsa. Madankollu, għandna ċerti riżervi dwar il-Proposta fir-rigward tar-regoli għall-ibbaġitjar għall-ispejjeż finanzjarji tal-kumpens.

16 Għalkemm hija tagħti lill-Kummissjoni aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-baġit, il-proposta biex dawn l-ispejjeż jiġu rreġistrati bħala dħul negattiv tfisser li l-Kummissjoni ma tkunx meħtieġa ssegwi l-proċeduri baġitarji ordinarji applikabbli għan-nefqa.

17 Għandna wkoll kummenti speċifiċi dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- (a) il-kalkolu tal-kumpens (ara l-paragrafi [19-21](#));
- (b) l-impatt tar-reġistrazzjoni ta' dħul negattiv (ara l-paragrafi [22-25](#));
- (c) il-kjarifika dwar imgħax ta' inadempjenza (ara l-paragrafu [26](#));
- (d) it-tidħil tal-multi u l-penali definittivi fil-baġit (ara l-paragrafu [27](#)).

18 Aħna nosservaw li l-Proposta saret fl-istess żmien meta l-QĠUE qed teżamina appell dwar kawża simili. Hemm ukoll kawżi oħra li għadhom għaddejjin relatati mal-kumpens għal multi u penali (ara l-paragrafu [10](#)). Nissuġġerixxu li l-Kummissjoni timmonitorja b'mod attiv l-eżitu ta' dawn il-kawżi u tivvaluta l-impatt tagħhom fuq ir-RF.

Kummenti speċifiċi

Kumpens

19 Il-Kummissjoni pproponiet li l-ammont ta' mgħax għall-kumpens jiġi kkalkulat bir-rata REFI tal-BĊE, b'żieda ta' punt perċentwali u nofs¹³. Aħna nosservaw li r-rata proposta hija aktar baxxa mir-rata li l-QĠUE stipulat fis-sentenza ta' appell reċenti tagħha rigward l-azzjoni għad-danni (ir-rata REFI tal-BĊE, b'żieda ta' żewġ punti perċentwali), u b'hekk tirrifletti t-talba tal-impriża kkonċernata.

20 Aħna nirrikonoxxu li r-rata REFI tal-BĊE, b'żieda ta' punt perċentwali u nofs, qed tiġi proposta biex tapplika b'analoġija mar-rata tal-imgħax li għandha titħallas meta debitur jiddepożita garanzija finanzjarja (minflok ma jagħmel pagament provviżorju) għall-perjodu ta' litigazzjoni (ara l-paragrafu **26**). Madankollu, id-differenza bejn ir-rata proposta fl-Artikolu 108(4) RF u r-rata li tirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija hawn fuq toħloq riskju li impriżi jew Stati Membri jistgħu jressqu azzjonijiet quddiem il-QĠUE għad-danni sabiex jiksbu kumpens ogħla, minflok billi japplikaw ir-rata proposta.

21 Nosservaw ukoll li l-Kummissjoni ma pproponietx li tiżdied dispożizzjoni dwar l-imgħax ta' inadempjenza (ikkalkulat abbażi tar-rata REFI tal-BĊE, b'żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs) f'każ li l-kumpens ma jitħallasx lura sad-dati tal-għeluq stipulati (ara l-paragrafu **09**). Sabiex titjieb iċ-ċarezza tat-test legali, nissuġġerixxu li l-Kummissjoni żżid dan fil-bidla proposta tagħha għall-Artikolu 108(4) RF (ara l-**Annex I**) billi tapplika l-kundizzjonijiet għall-imgħax fuq pagamenti tardivi kif stabbilit fl-Artikolu 116(5) RF.

Dħul negattiv

22 Minn perspettiva baġitarja, multa jew penali tiġi rreġistrata bħala dħul meta l-ammont definittiv jiġi stabbilit u mħallas. Matul il-proċess ta' litigazzjoni fil-QĠUE, ma jsirx ibbaġitjar għall-ammonti tal-multi jew tal-penali. Attwalment, l-ispejjeż finanzjarji tal-kumpens għal multi jew penali kkanċellati jew imnaqqsa jiġu ddebitati lill-baġit tal-UE bħala nefqa, taħt l-Intestatura 7: "Amministrazzjoni pubblika Ewropea".

¹³ L-Artikolu 108(4) RF propost.

23 Il-bidliet proposti mill-Kummissjoni għall-Artikolu 48(1) RF għandhom l-intenzjoni li jirreġistraw l-ispejjeż finanzjarji tal-kumpens bħala dħul negattiv, filwaqt li jnaqqsuhom mill-ammonti bbaġitjati ta' multi u penali definittivi. Fil-fehma tagħna, l-impożizzjoni ta' kumpens bħala dħul negattiv minflok nefqa jkollha impatt finanzjarju newtrali fuq il-baġit tal-UE fl-intier tiegħu. Filwaqt li dan jista' jnaqqas il-pressjoni eċċessiva fuq il-baġit, il-Kummissjoni ma tkunx meħtieġa ssegwi l-proċeduri baġitarji ordinarji applikabbli għan-nefqa, jiġifieri jew li tapplika l-proċeduri għat-trasferimenti baġitarji u/jew il-baġits emendatorji¹⁴ biex tiżgura li l-appropriazzjonijiet meħtieġa jkunu disponibbli; jew li tinkludi l-ispejjeż ta' hawn fuq bħala parti mit-total tal-infiq awtorizzat f'konformità mal-limiti massimi tar-riżorsi proprji¹⁵ u tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)¹⁶.

24 L-impożizzjoni ta' spejjeż finanzjarji bħala dħul negattiv mhijiex prattika baġitarja standard. Madankollu, aħna nieħdu nota tal-fatt li, bil-ħsieb li jissaħħaħ ir-rappurtar finanzjarju, il-Kummissjoni biħsiebha tintroduċi linja baġitarja separata sabiex tidentifika l-ammonti negattivi ta' kumpens imnaqqsa mid-dħul li jkun ġej minn multi u penali. Biħsiebha wkoll tipprovi aktar informazzjoni dwar dan il-kumpens (eż. l-ammonti mħallsa jew dovuti għas-sena attwali, u l-ammonti stmati għas-sena ta' wara) bħala parti mid-dokumenti ta' sostenn għall-adozzjoni tal-baġit u l-emendi tiegħu.

25 Skont il-Proposta, l-ispejjeż finanzjarji jkunu koperti mid-dħul li jirriżulta mill-ammonti ta' multi u penali li jkunu saru definittivi. Il-Kummissjoni tqis li dan, b'mod ġenerali, huwa suffiċjenti. Madankollu, aħna nosservaw li hemm riskju li l-livell ta' multi jew penali definittivi għandu mnejn ma jkoprix il-kumpens dovut fl-istess sena. Dan ifisser li, jekk dan ir-riskju jimmaterjalizza, il-kumpens ikollu jiġi ffinanzjat minn dħul ieħor jew, bħala l-aħħar alternattiva, minn kontribuzzjonijiet nazzjonali addizzjonali bbażati fuq l-Introjt Nazzjonali Gross (ING) tal-Istati Membri (ara l-paragrafu 27).

¹⁴ L-Artikoli 30 u 44 RF.

¹⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

Imgħax ta' inadempjenza

26 Aħna nilqgħu l-modifika proposta għall-Artikolu 99(4) RF, li tneħħi r-referenza għall-imgħax li għandu jitħallas fejn tiġi pprovduta garanzija biex tkopri multi jew penali (bir-rata REFI tal-BĊE, b'żieda ta' punt perċentwali u nofs) u tpoġġiha taħt l-Artikolu 108(1) RF propost. Il-Proposta tiċċara li l-imgħax ta' inadempjenza (bir-rata REFI tal-BĊE, b'żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs) japplika biss għal każijiet fejn l-ammonti ta' multi u penali imposti minn deċiżjonijiet tal-Kummissjoni la jkunu tħallsu u lanqas ma jkunu ġew koperti minn garanzija.

Tidħil tal-multi u l-penali definittivi fil-baġit

27 Id-tidħil ta' multi u penali definittivi fil-baġit (kif propost fl-Artikolu 107(2) RF), sa tmiem is-sena ta' wara dik fejn il-multi jkunu saru definittivi, ikun jagħti lill-baġit tal-UE flessibbiltà akbar biex jagħti rispons għall-ħtiġijiet finanzjarji tiegħu. Dan għaliex il-Proposta tkun tippermetti li jsir ibbaġitjar għad-dħul minn multi u penali sa tmiem is-sena wara li l-ammonti relatati jkunu definittivi, jekk ikun meħtieġ biex jiġi kopert il-kumpens dovut mingħajr ma jintużaw sorsi oħra ta' dħul (ara l-paragrafu [25](#)).

Emendi proposti għall-Proposta

28 Fl-*Anness I*, aħna nippreżentaw bidliet issuġġeriti għall-Proposta, u kummenti dwarha.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Awla V, immexxija mis-Sur Tony Murphy, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fit-28 ta' Ġunju 2022.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Klaus-Heiner Lehne

Il-President

Anness

Anness I – Il-bidliet issuġġeriti tagħna għall-Proposta u l-kummenti tagħna dwarha

Test tal-proposta	Bidla ssuġġerita	Kummenti
<p><i>L-Artikolu 1 tal-Proposta</i></p> <p>(...)</p> <p>(4)</p> <p>L-Artikolu 108 huwa emendat kif ġej:</p> <p>(a) (...)</p> <p>(b) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:</p> <p>(i) (...)</p> <p>L-ammont jew il-parti rilevanti tiegħu msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiżdied bl-imgħax bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifuinanzjament, kif ippubblikat fis-serje C ta' <i>Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea</i> fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih tkun ġiet adottata d-deċiżjoni li timponi multa, penali oħra jew sanzjoni, miżjuda b'punt perċentwali u nofs.</p> <p>(ii) (...).</p>	<p><i>L-Artikolu 1 tal-Proposta</i></p> <p>(...)</p> <p>(4)</p> <p>L-Artikolu 108 huwa emendat kif ġej:</p> <p>(a) (...)</p> <p>(b) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:</p> <p>(i) (...)</p> <p>L-ammont jew il-parti rilevanti tiegħu msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiżdied bl-imgħax bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifuinanzjament, kif ippubblikat fis-serje C ta' <i>Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea</i> fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih tkun ġiet adottata d-deċiżjoni li timponi multa, penali oħra jew sanzjoni, miżjuda b'punt perċentwali u nofs.</p> <p>Jekk l-imgħax taħt il-punt (i) ma jitħallasx sad-data tal-għeluq stabbilita mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew, fin-nuqqas ta' tali data tal-għeluq, fi żmien 30 jum minn dik is-sentenza, imgħax ta'</p>	<p>Nissuġġerixxu li jiġi ċċarat li l-Kummissjoni tista' tħallas imgħax ta' inadempjenza f'każ ta' rimborż tardiv tal-ammont ta' kumpens, billi tapplika l-kundizzjonijiet għall-imgħax fuq pagamenti tardivi kif stabbilit fl-Artikolu 116(5) RF (ara l-paragrafu 21).</p>

Test tal-proposta	Bidla ssuġġerita	Kummenti
	inadempjenza għandu jiġi applikat f'konformità mal-Artikolu 116(5). (ii) (...).	